Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 40/2015AE

**Francesco Varamo**

**Vs**

**Mariella Grech u Alfred Grech**

L-Erbgha, 16 ta' Marzu 2016.

Mariella u Alfred Grech appellaw minn sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tal-10 ta' Marzu 2015 li biha gew ikkundannati jhallsu lill-attur is-somma ta' elf u mitejn ewro (€1,200) danni f'incident tat-traffiku li sehh fit-3 ta' Ottubru 2014. L-aggravju tal-appellanti hu li l-kaz ma kienx jaqa' fil-kompetenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar, peress li ghall-kaz kienu japplikaw il-provvedimenti tal-arbitragg mandatorju (Kap. 387). Fil-fatt ghamlu riferenza ghar-Raba' Skeda, Taqsima A tal-Kap. 387 li jipprovdi:

*"It-tilwimiet hawn izjed 'l isfel imsemmija fit-Taqsima A ghandhom jigu determinati b'arbitragg u ghandhom jittiehdu f'arbitragg taht ir-regoli msemmija fit-Taqsima B b'zieda ma' dawk ir-regoli li jistghu jigu mahruga mic-Centru minn zmien ghal zmien".*

L-appellat wiegeb (10 ta' April 2015).

Fid-19 ta' Frar 2015 l-appellat ipprezenta nota (fol. 22) fejn iddikjara:

*"1. Illi r-riparazzjonijiet fuq il-vettura meritu tal-vertenza odjerna gew maghmula mis-socjeta assikuratrici tal-intimata matul ix-xhud li ghaddew;*

*2. Illi in vista ta' dan, l-esponenti qed jillimita t-talba tieghu ghal hlas tal-ispejjez tal-appell odjern u ghal dawk li gew inkorsi quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar".*

Ghalhekk il-meritu gie ezawrit u fadal biss il-kwistjoni tal-ispejjez.

Wara li l-qorti rat l-atti, tosserva:

1. M'hemmx dubju li peress li l-kwistjoni kienet dwar incident tat-traffiku, japplikaw il-provvediment tal-arbitragg mandatorju (Kap. 387).

2. Mill-atti jirrizulta li l-konvenuti qatt ma deheru ghas-seduti li saru quddiem it-Tribunal u lanqas ma pprezentaw twegiba.

3. Fis-seduta tat-2 ta' Marzu 2015, l-attur ipprezenta kapitolu fil-konfront tal-konvenuti. Fis-seduta ta' wara (10 ta' Marzu 2015), hadd mill-konvenuti ma rega' deher. Pero' deher avukat li qal li qieghed jidher ghan-nom tal-

konvenuta u ddikjara li l-attur kellu jipproponi proceduri ta' arbitragg u mhux kawza quddiem it-Tribunal. It-Tribunal qies li l-konvenuti ma deherux u ta sentenza kontra l-konvenuti.

4. Il-qorti hi tal-fehma li ma kien hemm xejn li jzomm lit-Tribunal milli jissolleva l-eccezzjoni *ex officio*. Jidher li t-Tribunal ipproceda bil-mod li jikkontempla l-Artikolu 13(b) tal-Att dwar it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380).

5. Fl-appell ta' parti li tonqos milli tidher wara li tkun saret subizzjoni taghha, irid fl-ewwel lok tinghata raguni li tiggustifika n-nuqqas taghha milli tattendi ghas-seduta. Fis-sentenza **Carmen Taliana vs Rita Borg** tas-26 ta' Jannar 2005 li wkoll kien appell minn sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar, din il-qorti[1] ghamlet riferenza ghas-sentenza **Dr John Buttigieg vs Micahel Marletta** deciza minn din il-qorti fil-11 ta' Novembru 1986:

   *"il-materja tas-subizzjoni hija materja delikata u deciziva peress li biha jekk il-parti tonqos li tidher, il-kapitoli jittiehdu bhala konfessati u l-konvenut ikun impedut li jaghmel appell ammenokke ma jiggustifikax il-kontumacja tieghu".*

   Fis-sentenza **Anthony Borg vs Samwel Veneziani** tat-28 ta' April 1998, din il-qorti qalet:

   *"Hu principju stabbilit fil-gurisprudenza taghna illi l-kawza gusta biex il-parti ma tidhirx quddiem il-Qorti, ghalkemm ikunu saru kapitoli kontra taghha, ghandha tikkonsisti **f'impediment legittimu li minhabba f'dak l-impediment ilparti ma setghetx tirrispondi ghall-kapitoli li saru kontra taghha**"* (enfazi mizjuda).

   Fil-kaz tal-lum l-appellanti m'ghamlu l-ebda tentattiv biex jiggustifikaw ghalfejn ma deherux.

6. Inoltre, fl-istadju tal-appell m'huwiex possibbli li parti li tkun baqghet kontumaci, taghti eccezzjonijiet li kellhom jigu sollevati fl-ewwel istanza. F'dan ir-rigward il-qorti taghmel riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) fil-kawza **Vivian Charmaine Mizzi vs Carmel Mizzi**, deciza fit-30 ta' Gunju 2004:

   *"Illi l-hames aggravju, cioe` dak li jikkoncerna l-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici, ghandu aktar minn natura ta' eccezzjoni moghtija fil-mori tal-kawza. Issa ghalkemm huwa minnu li l-preskrizzjoni tista` tigi sollevata u eccepita f'kull stadju tal-proceduri minghajr riserva – anke fl-istadju ta' l-appell - jigi rilevat li f'dawn il-proceduri l-konvenut appellant kien gie dikjarat kontumaci u l-eccezzjonijiet tieghu sfilzati. Isegwi li mhux permess ghall-konvenut li jressaq ebda eccezzjonji, inkluza dik tal-preskrizzjoni, ghax jekk dan isir l-istess konvenut jkun qieghed, b'dan ilmod, jissana l-posizzjoni tieghu ta' kontumaci. Din l-eccezzjoni ghalhekk mhux ammissibbli u konsegwentement l-aggravju mhux gustifikat".*

[1] Imhallef P. Sciberras.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra Mariella Grech u Alfred Grech**.

Anthony Ellul.